

Brussell, 12 ta' Settembru 2022
(OR. en)

12010/22

INST 303
POLGEN 117
AG 99

NOTA

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Programmazzjoni leġislattiva - Skambju ta' fehmiet

Id-delegazzjonijiet isibu fl-Anness nota ta' informazzjoni bil-mistoqsijiet tal-Prezidenza għall-iskambju ta' fehmiet dwar il-Programmazzjoni Leġislattiva fil-laqgħa tal-Kunsill (Affarijiet Ġenerali) tal-20 ta' Settembru 2022.

Programmazzjoni leġislattiva

- Skambju ta' fehmiet -

Introduzzjoni

Il-ftehim interistituzzjonali tal-2016 dwar it-tfassil aħjar tal-liġijiet (FII) tfassal biex isaħħaħ il-programmazzjoni annwali u pluriennali tal-UE bil-ħsieb li jittejjeb it-tfassil tal-liġijiet u li l-azzjoni u l-inizjattivi tal-UE jiffukaw fuq il-prijoritajiet tal-politika ewlenin li għandhom valur miżjud Ewropew. Minn dakinhar, it-tliet istituzzjonijiet ħadmu flimkien f'ċikli ta' programmazzjoni annwali biex jiddeterminaw il-prijoritajiet politiċi u leġislattivi kull sena.

Il-pandemija tal-coronavirus ħolqot kriżi tas-saħħa, ekonomika u soċjali mingħajr preċedent li l-UE u l-Istati Membri tagħha ffaċċjaw b'azzjonijiet rapidi u deċiżivi sa minn kmieni fl-2020. Sentejn biss wara, l-aggressjoni mhux provokata u mhux ġustifikata tar-Russja kontra l-Ukrajna tippreżenta sfida politika, ta' sigurtà, ekonomika u umanitarja sinifikanti oħra. Fi Frar 2022¹, il-Kunsill Ewropew qabel dwar appoġġ għall-indipendenza, is-sovranità u l-integrità territorjali tal-Ukrajna fil-fruntieri tagħha rikonoxxuti internazzjonalment. Fil-konklużjonijiet tiegħu ta' Marzu 2022², huwa impenja lill-UE biex tinvolvi ruħha fir-rikostruzzjoni tal-Ukrajna. Dawn l-impenji ser jirrikjedu aktar sforzi u azzjonijiet koerenti tal-UE u tal-Istati Membri. Fl-istess ħin, l-UE trid tindirizza żieda qawwija fl-inflazzjoni flimkien ma' prezzijiet tal-enerġija m'għola s-sema, kif ukoll impatti negattivi oħra li qed ikollhom fuq iċ-ċittadini u l-ekonomiji Ewropej l-aggressjoni tar-Russja u l-użu, min-naħa tagħha, tal-esportazzjoni tal-enerġija bħala arma.

¹ EUCO 18/22

² EUCO 1/22

Ċiklu ta' programmazzjoni annwali

Ir-rapport ta' prospettiva strateġika tal-2022 tal-Kummissjoni³, ippublikat fid-29 ta' Ġunju 2022, jipprovdi kontribut siewi għaċ-ċiklu tal-programmazzjoni leġiżlattiva. Jippreżenta diversi oqsma ta' azzjoni biex jiġu massimizzati s-sinerġiji u l-interazzjoni bejn it-tranżizzjoni ekoloġika u dik diġitali, u jindirizza wkoll it-tensjonijiet bejniethom fil-kuntest ġeopolitiku l-ġdid. Jappella għal approċċ dinamiku biex tiġi antiċipata l-bidla u jiġu adattati r-reazzjonijiet politiċi, sabiex sal-2050 ġemellaġġ ta' suċċess jappoġġa ekonomija ġdida, riġenerattiva u b'impatt newtrali fuq il-klima, li tnaqqas il-livelli tat-tniġġis u tirrestawra l-biodiversità u l-kapital naturali, bis-saħħa ta' teknoloġiji diġitali sostenibbli u teknoloġiji oħra. Dan jikkontribwixxi għall-pożizzjonament tal-UE bħala promotur ewlieni tas-sostenibbiltà kompetittiva u jsaħħaħ ir-reżiljenza u l-awtonomija strateġika miftuħa tagħha, filwaqt li jimxi id f'id ma' tranżizzjoni ġusta.

L-*Ittra ta' intenzjoni* tal-Kummissjoni⁴, li mistennija toħroġ fl-14 ta' Settembru 2022, ser telenka l-elementi ewlenin li jiggwidaw it-tnejn tal-Programm ta' Ħidma li ġej tal-Kummissjoni għall-2023. F'dan il-kuntest, il-Ministri huma mistiedna jaqsmu fehmiethom dwar il-prijoritajiet u l-inizjattivi ewlenin għas-sena d-dieħla b'rabta mal-mistoqsijiet li ġejjin:

1. Il-Ministri jaqblu mal-inizjattivi previsti ppreżentati fl-*Ittra ta' intenzjoni*?
2. Liema inizjattivi huma l-aktar meħtieġa għalikom?

Il-passi li jmiss

Il-Presidenza ser tiġbor sommarju tad-diskussjonijiet fil-Kunsill f'ittra lill-President tal-Kummissjoni. Dan ser iservi bħala kontribut għall-bqija taċ-ċiklu ta' programmazzjoni leġiżlattiva annwali matul ix-xhur li ġejjin, li jilħaq il-qofol tiegħu fid-dikjarazzjoni konġunta li jmiss dwar il-prijoritajiet leġiżlattivi.

³ 10889/22 + COR1

⁴ 12009/22